MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2007

Numru 1466/2007

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
(Spettur Nezren Grixti)

Vs

Roberto Scerri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat detentur ta' karta ta' identita' numbru 157481(M), akkuzat talli:

B'diversi atti mghamulin b'rizoluzzjoni wahda anke jekk f'hinijiet u postijiet differenti, wkoll gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun fil-lejl ta' bejn il-1 ta' Dicembru 2007 u t-2 ta' Dicembru 2007;

Hebb u ikkommetta attakk jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra

l-Persuni inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' fuq il-persuni ta' PS94 J. Farrugia, u PC601 J. Spiteri u diversi ufficjali tal-Pulizija ohra filwaqt li kienu qed jagixxu ghal l-esekuzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorità kompetenti, u dan ai terminu tal-Artikoli 92 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq ufficjali tal-Korp Tal-Pulizija imsemmija hawn fuq u diversi ufficjali ohra tal-Pulizija persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li kienet qed taghmel jew minhabba li kienet qed taghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' u dan ai terminu tal-Artikoli 92, 95, u 18 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess hinijiet, gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun taht l-istess cirkostanzi ikkaguna griehi hfief fuq il-persuni ta' PS94 J. Farrugia u PC601 J. Spiteri kif iccertifika Dr. Stephen Muscat MD tal-Isptar Mater Dei u dan ai terminu tal-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hedded lill-istess Ufficjali pubblici bi kliem u dan ai terminu tal-Artikolu 338(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mil-Pulizija ezekuttiva u dan ai terminu tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok data, hin u cirkostanzi qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha u dan ai terminu tal-Artikolu 342 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai terminu tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess hinijiet, u dati gewwa l-Hamrun u diversi postijiet ohra gewwa l-Gzejjer Maltin soqt vettura CBB067 u f’postijiet pubblici minghjar ma kont fi stat li ssuq minhabba li kont taht l-influenza ta’ xorb alkoholiku jew wara li kkunsmajt alkohol u dan ai terminu tal-Artikolu 15(A) u 15(B) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi soqt vettura Nru CBB067 minghajr ma kienet licenzjatat kurrenti ghat-triq mid-direttura tal-Awtorita tat-trasport pubbliku u dan ai terminu tal-Artikou 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli matul dawn l-ahhar zminijiet f’diversi postijiet u lokalitajiet tal-Gzejjer ta’ Malta kien fil-pussess ta’ arma ta’ l-arti Marzjali minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai terminu tal-Artikolu 35 (2) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jammetti l-akkuzi fl-liema ammisjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

L-ammisjoni tal-imputat hi wahda volontarja u rrikondizjonata.

Ghaldaqstant u ghal-finijiet tal-piena rat l-Artikolu 18, 17, 92, 95, 96, 221, 338 (e), 338 (ee), 338 (dd), 342 tal-Kap. 9, Artikolu 15, 15A u 15B tal-Kap. 65 u Artikolu 35 (2) tal-Kap 480. Tiddeciedi li tikkundanna lill-imputat sitt xhur prigunerija u Lm 4,250 multa komplessiva. Tiddeciedi fir-rigward is-sitt xhur piena prigunerija li tapplika l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 u tissospendihom ghal sentejn mil-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor punibbli bi prigunerija fil-perjodu sospensiv taghha.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tiegħu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------